MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Numru 617/2000

**PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**VS**

**MICHAEL GEORGE BONAVIA
CHRIS MUSCAT
LUCIAN GALEA.**

**Illum 16 ta’ Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael George Bonavia ta’ 26 sena, bin Francis u Angela nee’ Bartolo, imwieled il-

Canada fit-28 ta’ Jannar 1977 u joqghod Bonavia House, Maghsar Street, Burmarrad, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 17186 M;

U kontra Chris Muscat ta’ 24 sena, bin Emanuel u Jane nee’ Vella, imwieled Attard, fl-1 ta’ Frar 1979 u joqghod Hibiscus Wardija Hill, Burmarrad, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 164679 M;

U kontra Luciano Galea ta’ 29 sena, bin il-mejjet David u Maria nee’ Vella, imwieled il-Pieta’ fil-11 ta’ Ottubru 1973 u joqghod Flat 5, No. 130, Triq San Nikola, Valletta, bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 479773 M;

Talli fl-4 ta’ Settembru 2000 ghall-habta tas-1.15am, fi Triq San Gorg, San Giljan, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Stephen Gatt, PS 547 M. Agius, PC 1141 P. Vella. PC 442 N. Spiteri, PC 302 E. Taliana u PC 1244 N. Sant, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

Kif ukoll talli, fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, kissru il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat, jew b’mod iehor;

Lil Michael George Bonavia wahdu, talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel offiza fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq l-Ispettur Stephen Gatt, kif iccertifikat mit-tabiba Dr. N. Grech M.D. tal-Isptar San Luqa, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-sevizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Wara illi rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jgib id-data tal-5 ta' Settembru 2000;

U wara illi rat l-Artikoli 96, 338 (m), 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibhom hatja kif akkuzati.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll il-possibbli ta' provokazzjoni min-naha tar-rapprezentanti ta' l-istabbiliment pubbliku fejn kienu;

Wara li hadet in konsiderazzjoni, l-feriti hfief u insostanzjali maghmula kontra l-Ufficjali tal-Pulizija, temmen illi piena karcerarja mhix wahda adekwata.

Ukoll, il-Qorti tikkommenta dwar il-fedina penali netta ta' Michael George Bonavia kif ukoll ta' Chris Muscat, waqt li tikkomenta dwar dik ta' Lucian Galea, izda f'affarijiet li mhumiex serji, koncernati fis-sewqan, hlief ghal kaz wiehed ta' serq. Nonostante illi jirrizulta li kien hemm kaz iehor fejn huwa hedded lil Ufficjal tal-Pulizija, izda dan kien fis-sena 2000.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda, filwaqt li ssib lill-imputati hatja, qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-

zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------